**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 354/2019/2**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Tano (Gaetano) Farrugia**

- ***Omissis*** **-**

**Braden Grixti**

Illum, 13 ta' Novembru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Tano (Gaetano) Farrugia, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 413577(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) flimkien ma' *Omissis* u Braden Grixti, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 104393(M), talli nhar it-22 ta' Mejju 2019, għall-habta tas-06:30hrs minn ġewwa ir-residenza bl-isem Maria Assunta li tinsab fi triq l-Isperanza, Mosta:-

1. Bil-ħsieb li jagħmlu delitt ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur li jeċċedi l-elfejn, tlett mija u disa' w għoxrin Euro u sebgħa w tletin ċentezmu (€2,329.37), għad-dannu ta ' Alfred Mangion, anzjan ta' 66 sena u/jew persuna/i oħra, wrew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-eżekuzzjoni ta ' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa indipendenti u aċċidentali mill-volonta tagħhom;

2. Bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammew jew issekwestraw lil Alfred Mangion, anzjan ta ' 66 sena, kontra l-volonta' tiegħu;
3. Ikkaġunaw ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta ' Alfred Mangion, anzjan ta' 66 sena, hekk skond kif iċċertifika Dr. Elton Caruana MD n. 5948 miċ-ċentru tas-saħħa tal-Mosta;

Braden Grixti waħdu ġie akkużat ukoll talli:-

1. Fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi irrenda ruħu reċediv ai termini tal-artikolu 289 tal-Kap. 9, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta′ Ġudikatura Kriminali tal-25 ta′ Jannar 2024, fejn il-Qorti, fir-rigward ta′ TANO (GAETANO) FARRUGIA, wara li rat l-artikoli 17(h), 20, 31, 41(1)(a), 86, 87(1)(ċ), 214, 215, 221(1), 261(a)(e), 262(1)(a)(b)(2), 269, 274(ċ), 275, 276A u 277(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta′ Malta, sabitu ħati tal-imputazzjonijiet kollha addebitati lilu u kkundannatu tliet (3) snin priġunerija effettiva. Fir-rigward ta′ BRADEN GRIXTI, wara li astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-addebitu tar-reċidiva taħt l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta′ Malta, u wara li rat l-artikoli 17(h), 20, 31, 41(1)(a), 42, 86, 87(1)(ċ), 214, 215, 221(1), 261(a)(ċ)(e), 262(1)(a)(b)(2), 267, 269, 274(ċ), 275, 276A, 277(a), 279(b) u 280(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta′ Malta, sabitu ħati tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha u kkundanatu tliet (3) snin priġunerija effettiva. Bl-applikazzjoni tal-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta′ Malta ordnat il-ħruġ ta′ Ordni ta′ Trażżin fil-konfront ta′ Tano (Gaetano) Farrugia u Braden Grixti għall-protezzjoni tas-sigurta′ ta′ Alfred Mangion għal żmien tliet (3) snin li jibdew jiddekorru hekk kif tiġi skontata l-piena ta′ priġuinerija. Għall-fini tal-artikolu 412Ċ(6) tal-Kapitolu 9, reż applikabbli mill-artikolu 382A tal-istess Kapitolu 9, ordnat li l-Ordni ta′ Trażżin jiġi kkomunikat lill-Kummissarju tal-Pulizija, li għandu jieħu l-azzjonijiet kollha neċessarji sabiex jiżgura l-monitoraġġ tal-kundizzjonijiet ta′ tali ordni, inkluż l-użu ta′ mezzi elettroniċi, skont il-kaz. Għall-fini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta′ Malta, ikkundannat lil TANO (GAETANO) FARRUGIA u lil BRADEN GRIXTI għall-ħlas lir-Reġistratur tal-Qorti tas-somma ta′ elf, seba′ mija u tlieta u disgħin Euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€1,793.23) rappreżentanti terz (1/3) kull wieħed tal-ispejjez li għandhom x′jaqsmu mal-ħatra ta′ wħud mill-esperti jew periti fil-proċeduri u jew fl-istadju tal-proces-verbal tal-inkjesta u dan fi żmien sena.

Ordnat wkoll il-ħrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront ta' TANO (GAETANO) FARRUGIA u BRADEN GRIXTI a tenur tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal żmien tliet (3) snin biex jingħataw kull wieħed trattament biex jindirizzaw u jegħlbu l-vizzju u d-dipendenza fuq id-droga.

Rat ir-rikors ta' Tano (Gaetano) Farrugia, ippreżentat fit-8 ta' Frar 2024, fejn talab li dina l-Qorti:

a. Tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fil-parti fejn sabitu ħati tal-imputazzjonijiet kollha fil-konfront tiegħu u tiddikjarah mhux ħati tagħhom u konsegwentement tilliberah minnhom skond il-liġi;
b. Alternattivament, u mingħajr preġudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, jogħġobha tħassarha fil-parti tal-piena, billi minflok tiġi mposta piena jew sanzjoni oħra li tkun aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-aggravji kollha ventilati minnu, l-appellant jilmenta mill-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti, meta in suċċint, huwa jressaq is-segwenti lmenti:–

i) L-identifikazzjoni tal-appellant mill-vittma Alfred Mangion ma hijiex attendibbli;
ii) Ma hemmx prova sal-grad rikjest mill-liġi dwar min mill-malviventi kkaġuna il-ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Alfred Mangion;
iii) In-nuqqas li jkun inġunt biex jixhed xhud okulari li kien determinanti għal każ, u ċioe' il-persuna li infurmat lil Angelino Mifsud li Mangion kien qed jiġi misruq, liema informazzjoni mbagħad wasslet lil Mifsud jagħmel ir-rapport lill-pulizija;

iv) Ma hemmx prova sal-grad rikjest mill-liġi dwar minn mill-malviventi issekwestra/arresta b'mod illegali lill-vittma;

v) L-ispjegazzjoni li tingħata mix-xhud Tyrone Farrugia dwar il-presenza tac-*cherry picker* fl-akwati fejn seħħ ir-reat fil-ġranet ta' qabel;

vi) Il-fatt illi it-telefon ċellulari *Alcatel* allegatament ta' Tano Farrugia ma kienx elevat mal-arrest tiegħu, iżda meta saret it-tfittxija fir-residenza tiegħu, u ma kien maħtur ebda espert fl-inkjesta sabiex jagħmel estrazzjoni tal-kontenut tiegħu.

Illi, l-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk din il-kritika dwar l-apprezzament magħmul hijiex waħda valida u jekk allura dan kienx wieħed raġjonevolment u legalment fondat[1].

Illi, nhar it-22 ta' Mejju 2019, ċertu Angelino Mifsud irrapporta lill-pulizija illi ġewwa Triq l-Isperanza, l-Mosta, kienet għaddejja serqa minn ġewwa residenza ta' persuna anzjana. Il-Pulizija rrikorrew fuq il-post fejn sabu lil Alfred Mangion ferut. Dan Mangion spjega lill-Pulizija li għal ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħodu xi ħadd kien ħabbatlu l-bieb u meta staqsa minn kien hemm, kienu nfurmawh li huma ħaddiema tas-soċjeta *Go.* Meta fetaħ il-bieb, żewġt irġiel aggredewh, wieħed intefa' fuqu, tefgħu mal-art, beda' jżommu permezz ta' flokk u rabatlu saqajh bit-*tie clips* filwaqt li l-ieħor daħal ġor-residenza jfittex u jqalleb. Mangion qal lill-Pulizija li din s-serqa damet bejn għaxar u tnax-il minuta u li x'ħin l-aggressuri kienu qed iżommuh, huwa beda jaqta' nifsu. Hu stqarr li ma kien insteraqlu xejn għaliex is-serqa kienet sfrattat mit-telefon f'dak il-mument beda jċempel. Kompla jispjega li ftit tal-jiem qabel, senjatament nhar

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

is-17 ta' Mejju 2019, kienu marru zewġ persuni fir-residenza tiegħu u qalulu li kienu mill-kumpanija *Go* u li kellhom bżonn jagħmlu xi tiswijiet mal-faċċata. Kienu tawh appuntament għall-20 ta' Mejju, imma f'dik id-data ma kien tfaċċa ħadd. Mangion qal lill-Pulizija li dawn kienu l-istess tnejn minn nies li eventwalment serquh u li wasal għal din l-konkluzjoni minħabba li għaraf l-ilħna tal-persuni li kienu kellmuh fl-ewwel okkażżjoni u wkoll mill-istatura tagħhom.

Illi, sussegwentement ġie mitkellem ukoll Angelino Mifsud, li kien irraporta s-serqa, li stqarr li kien ra tlett persuni jitilqu mir-residenza tal-vittma u jirkbu ġewwa karozza zgħira griza. Meta xehed *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti, huwa stqarr li dakinhar tas-serqa huwa kien qed jagħmel xi xogħolijiet fir-residenza tiegħu li tinsab ftit il-bogħod minn dik tal-vittma, meta ġie raġel ħdejh imwerwer u qallu "**ċempel lill-pulizija għax iz-ziju tal-mara qed jisirquh**". Huwa minnufih ċempel 112 u meta reġa' ħareġ osserva tlett irġiel bil-*hood* ġo rashom ħerġin jiġru mingħand il-vittma u li baqgħu deħlin ġewwa vettura ta' lewn "**griz bajdani**" u telqu minn fuq il-post.

Illi, in segwitu, il-Pulizija bdew l-investigazzjonijiet tagħhom u ġew elevati diversi filmati minn kameras tas-sigurta fl-akwati. Dawn il-filmati jikkorroboraw il-verzjoni tal-fatti li jagħti l-vittma u dan għaliex jiem qabel is-serqa, fil-filmati deher ic-*cherry picker* li l-vittma kien irrakonta li marru bih ħdejn ir-residenza tiegħu, iz-zewġ persuni li identifikaw rwieħom bħala ħaddiema mas-soċjeta *Go*. Irriżulta ukoll li l-istess *cherry picker* kellu numru ta' reġistrazzjoni BCH-724 li kien irreġistrat fuq Saviour Vassallo, li huwa il-prinċipal li jħaddem lill-appellant. Meta ġie mitkellem, Vassallo ikkonferma li c-*cherry picker* kien jintuża mill-kumpanija tiegħu u li l-ħaddiema li l-aktar kien jużawh kienu Tano Farrugia u Tyrone Farrugia. Pero', mid-dokumentazzjoni provduta minn Vassallo, irriżulta li dakinhar tas-17 ta' Mejju, kien Tano Farrugia biss li kien qed jagħmel uzu mill-istess *cherry picker*. Saviour Vassallo kkonferma wkoll li Tano Farrugia kien impjegat mas-soċjeta' tiegħu u li l-ko-akkuzat *Omissis* kien għamel xi żmien impjegat mas-soċjeta' tiegħu ukoll, u dana mill-24 ta' April 2017 sat-8 ta' Mejju 2017.

Illi, *in oltre*, l-verzjoni tal-fatti li l-vittma jagħti lill-Pulizija, kif ukoll dik li jirrakkonta lill-espert Dr.Richard Sladden, maħtur fl-inkjesta dwar l-*in genere,* u finalment dik li

jixhed dwarha quddiem l-Ewwel Qorti huma kollha konsistenti. Illi, fil-verzjoni li l-vittma jagħti lil Dr. Richard Sladden nhar it-22 ta' Mejju 2019 huwa stqarr hekk:-

**Jien ngħix waħdi fir-residenza 'Maria Assunta', Triq l-Isperanza, Mosta.**

**Jien ġuvni.**

**Nhar il-Ġimgħa 17 ta' Mejju 2019 f'xi s-6:30am ħabbat il-bieb u sibt barra l-bieb tar-residenza tiegħi zewġt irġiel lebsin ġakketta fluorescent u flokk griz.**

**Qaluli li huma tal-Go u li riedu jwaħħlu kaxxa tal-fibre optic mal-faċċata tad-dar.**

**Tajthom permess.**

**Wieħed minnhom kellu file f'idu.**

**It-tnejn kienu bid-daqna pero' wieħed kien ismar aktar mill-ieħor.**

**L-ismar fosthom kien irqaq mill-ieħor.**

**It-tnejn kelmuni bil-Malti.**

**Qaluli li kienu ġejjin it-Tnejn 20 ta' Mejju 2019 biex iwaħħlu kaxxa izda ma' ġewx.**

**Dalgħodu 22 ta' Mejju 2019 f'xi 6:30am ħabbat il-bieb u staqsejt minn kien u leħen qalli tal-Go.**

**Ftaħt il-bieb u il-qawwi mbuttani 'l ġewwa u kien se jaqbad itini.**

**Imbuttani mal-art u t-tnejn bdew izommuni.**

**Wieħed minhom naħseb l-oħxon tani fuq wiċċi.**

**Kienu l-istess zewġ persuni li kienu ġew il-Ġimgħa 17 ta' Mejju 2019.**

**L-irqiq daħal ġewwa u beda jqalleb kollox mal-art l-iktar fis-sitting room.**

**Rabtuni billi poġġewli tie-rip ma' saqajja u tefawli flokk ma' ħalqi u anke ppruvaw iddefsuh ġo ħalqi.**

**L-oħxon beda jagħfasli għonqi u bdejt inħossni qed nifga.**

**Jien għajjatt xi darbtejn għall-ajjut.**

**L-oħxon qalli biex ma ngħajjatx għax inkella kien se jtini daqqa ta' sikkina.**

**F'daqqa waħda ħarġu 'l barra.**

**Staqsewni għall-flus waqt li l-oħxon baqa' fuqi meta jien kont mal-art u zammni kontra l-volonta' tiegħi.**

**Jien għidtilhom li kelli envelope bil-flus fil-mejda taħt it-television pero' jidher li ma rawhomx għax sibthom.**

**Għandi 14 -il karta tal-€10 u 27 -il karta tal-€20.**

**M'inix assigurat kontra s-serq.**

**Bħala ħsarat ma kelli xejn.**

**Suspetti f'min huma dawn iz-zewġt irġiel m'għandix.**

**Sofrejt ġrieħi f'wiċċi konsistenti fi grif, snieni juġawni u qed juġani taħt il-kustilji fuq il-lemin fejn zammni b'siequ biex ma niċċaqlaqx.**

**Mort il-polyclinic tal-Mosta u tajt iċ-ċertifikat mediku lill-pulizija.**

**Ma serquli xejn.**

Illi, imbagħad meta l-vittma, Alfred Mangion jixhed *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti, huwa baqa' konsistenti fil-verzjoni tal-fatti tiegħu fejn stqarr li nhar il-Ġimgħa 17 ta' Mejju 2019, ħabtulu l-bieb tnejn minn-nies u ddentifikaw ruħhom bħala mpjegati tal-*Go*, liema persuni qalulu li kienu se jwaħħlulu kaxxa tal-*fibre optic* mal-faċċata tad-dar tiegħu nhar it-Tnejn ta' wara. Xehed li dawn in-nies kienu waslu fuq il-post b'*cherry picker* li kien ipparkjat ftit 'il bogħod mid-dar tiegħu. Xehed ukoll li fil-ġurnata tat-Tnejn pero' dawn il-persuni ma tfaċċawx. Jgħid li sussegwentement nhar l-Erbgħa 22 ta' Mejju filgħodu kmieni kien ħabbat il-bieb u l-istess leħen kien qallu li kienu impjegati tal-*Go*:–

> "**Kif appena bexxaqt ftit il-bieb tefgħuni ġewwa fl-entrata. Wieħed kien se jaqbad jagħtini u mbagħad l-ieħor fixkilna, u rabtuli saqajja, wieħed qagħad fuqi u rabtuli saqajja b'dak il-wire l-iswed hemm, li jorbtu l-fences bihom**".

Jgħid li hu kulma ra tnejn minn nies "**imma r-raġuni hija għaliex ġabu T-shirt minn fuq is-siġġu tiegħi, għattuli wiċċi bih, provaw jifgawni, salħuli wiċċi, ċaqalquli sinna**", u bit-tgħafis li bdew jagħfsuh kisenu ser jifgawh. Xehed li n-nies li kienu ġew fis-17 ta' Mejju kienu "**wieħed daqxejn samrani, samrani u bil-leħja u daqxejn mhux oħxon ħafna. U ieħor daqxejn qawwi, kemm kemm iqsar minnu u bil-leħja ukoll**". Jgħid li l-aggressuri tiegħu kienu lebsin *hoodie* u kienu magħmdin u allura ma rax wiċċhom. Jgħid li talbuh il-flus u kienu qalulu li jekk jgħajjat se jagħtuh daqqa ta' sikkina. Jiftakar li dak il-ħin ċempel it-telefon tad-dar u kif semgħuh, l-aggressuri tnaffru u telqu. Il-vittma jgħid li għalkemm baqa' f'sensih kien hemm mument meta n-nifs kien kważi telaqlu għal kollox u li kienet it-telefonata li salvatlu ħajjtu. *In oltre,* in awla huwa ndika lil Tano Farrugia u lil Braden Grixti bħala l-aggressuri tiegħu. In kontro-eżami jgħid li "**mill-istatura għarafthom imma mill-wiċċ m'għaraftomx.**

**Għax wieħed kien daqxejn qawwi u l-ieħor daqxejn twil u irqiq**". Ġie kjarifikat li meta qed jirreferi għall-persuna l-ħoxna kien qed jirreferi għall-appellant Tano Farrugia. Fl-aħħarnett, il-vittma stqarr ukoll li fil-kors tal-investigazzjoni il-Pulizija kienu wrewh xi ritratti tal-impjegati tas-soċjeta fejn kien jaħdem l-appellant fuq *screen* tal-kompjuter fejn huwa għaraf lilll-appellant bħala wieħed mill-aggressuri tiegħu.

Illi, l-appellant Tano Farrugia ġie mitkellem mill-investigaturi fejn huwa rrilaxja stqarrija nhar l-10 ta' Ġunju 2019. Fl-istess stqarrija huwa jinnega li qatt ħadem fit-triq fejn seħħet is-serqa u li ċaħad li huwa ħabbat fuq xi bibien fl-istess triq. *In oltre*, għazel li ma jweġibx għall-mistoqsijiet lilu magħmula fir-rigward tad-dinamika tas-serqa.

Illi, saret tfittxija fir-residenza ta' l-appellant, fejn ġie elevat telefon ċellulari li fih kien hemm konverzazzjoni bejnu u ċertu "Steve P2" li l-appellant jidentifika bħala l-ko-akkuzat *Omissis* u li kellu n-numru 99602282. Dina l-konversazzjoni ġiet estratta mill-espert Dr Stephen Farrugia Sacco fejn jiġu skambjati is-segwenti messaġġi:–

- <u>Messaġġ mingħand Tano lil Ommissis datat 21 ta' Mejju 2019 fis-18:34</u> - **5.45 nigi għalikom**
- <u>Messaġġ mingħand Ommissis lil Tano, datat 21 ta' Mejju 2019 fis-18:39</u> - **5.45 itlaq mid dar tan ħali fis 6 tkun hdeja**
- <u>Messaġġ mingħand Ommissis lil Tano, datat 21 ta' Mejju 2019 fis-18:42</u> - **ok tjb tigix iktar kmini haba din**
- <u>Messaġġ mingħand Tano lil Ommissis, datat 22 ta' Mejju 2019 fl-03:58</u> – **Gej**
- <u>Messaġġ mingħand Ommissis lil Tano, datat 22 ta' Mejju 2019 fl-03:58</u> – **Ok**
- <u>Messaġġ mingħand Tano lil Ommissis, datat 22 ta' Mejju 2019 fl-03:59</u> - **ha nitlaq issa**
- <u>Messaġġ mingħand Ommissis lil Tano, datat 22 ta' Mejju 2019 fl-03:59</u> – **Ok**
- <u>Messaġġ mingħand Tano lil Ommissis, datat 22 ta' Mejju 2019 fis-05:52</u> – **Gidi**
- <u>Messaġġ mingħand Ommissis lil Tano, datat 22 ta' Mejju 2019 fis-05:52</u> – **Qajdli**
- <u>Messaġġ mingħand Tano lil Ommissis, datat 22 ta' Mejju 2019 fis-05:53</u> - **Lanqas irrid nemmen**
- <u>Messaġġ mingħand Ommissis lil Tano, datat 22 ta' Mejju 2019 fis-05:53</u> - **Lanqas jien iblah ijat**
- <u>Messaġġ mingħand Ommissis lil Tano, datat 22 ta' Mejju 2019 fis-05:53</u> - **Isa vera manafx ta**
- <u>Messaġġ mingħand Tano lil Ommissis, datat 22 ta' Mejju 2019 fis-05:54</u> - **Mela bhali. Iblah qijad. Pudina ohra ghaz zobb**
- <u>Messaġġ mingħand Ommissis lil Tano, datat 22 ta' Mejju 2019 fis-05:54</u> - **Iblah u nofs casat ijat**

- Messaġġ mingħand Tano lil Ommissis, datat 22 ta' Mejju 2019 fis-05:55 - **Ara tarahx lil dak jew cempillu forsi ghandu xi ohra. Ghax ma nafx xser naghmlu issa. Problemi min dawk il kbar ghandna**
- Messaġġ mingħand Ommissis lil Tano, datat 22 ta' Mejju 2019 fis-05:57 - **Naqbes sejer isa vera ghax mandix triq ohra**
- Messaġġ mingħand Tano lil Ommissis, datat 22 ta' Mejju 2019 fis-06:06 - **Fejn tmur ajdli ha nigi warajk**
- Messaġġ mingħand Ommissis lil Tano, datat 22 ta' Mejju 2019 fis-06:06 - **Ximkin fejn had majsibni**
- Messaġġ mingħand Tano lil Ommissis, datat 22 ta' Mejju 2019 fis-06:12 - **Kellem lil dak erga. Cempillu u mur iltaqa mijaw**
- Messaġġ mingħand Ommissis lil Tano, datat 22 ta' Mejju 2019 fis-06:12 - **Isa ek ha namel**
- Messaġġ mingħand Tano lil Ommissis, datat 22 ta' Mejju 2019 fis-06:13 - **Hu cans ara xjajdlek**
- Messaġġ mingħand Ommissis lil Tano, datat 22 ta' Mejju 2019 fis-06:13 - **Ha nara jaf xi haga**
- Messaġġ mingħand Ommissis lil Tano, datat 22 ta' Mejju 2019 fis-06:13 - **Bla saha ijet phalisa**
- Messaġġ mingħand Tano lil Ommissis, datat 22 ta' Mejju 2019 fis-06:14 - **Gejt ix xol u lanqas naf xinhu jigri. Propja go lispazju qijad**
- Messaġġ mingħand Tano lil Ommissis, datat 22 ta' Mejju 2019 fis-06:14 - **Ezat phali men mohi zero ijat**
- Messaġġ mingħand Tano lil Ommissis, datat 22 ta' Mejju 2019 fis-06:20 - **Mur u pruva kellmu. Hu cans**
- Messaġġ mingħand Tano lil Ommissis, datat 22 ta' Mejju 2019 fis-06:20 - **Hali fidi dalwaqt ghax bla saha ijat emn**
- Messaġġ mingħand Tano lil Ommissis, datat 22 ta' Mejju 2019 fis-06:27 - **Ok. Fidejk**
- Messaġġ mingħand Tano lil Ommissis, datat 22 ta' Mejju 2019 fis-07:49 - **Kellimtu?**
- Messaġġ mingħand Ommissis lil Tano, datat 22 ta' Mejju 2019 fit-08:11 - **Isa nċempilek**
- Messaġġ mingħand Tano lil Ommissis, datat 22 ta' Mejju 2019 fl-10:24 - **Fejn qijad?**
- Messaġġ mingħand Ommissis lil Tano, datat 22 ta' Mejju 2019 fl-10:26 - **Tass lima ma piter ala**
- Messaġġ mingħand Tano lil Ommissis, datat 22 ta' Mejju 2019 fl-10:27 - **Qed tara xi bicca xol?**
- Messaġġ mingħand Ommissis lil Tano, datat 22 ta' Mejju 2019 fl-10:27 - **Ima bica xol tal-kisi hadni nara dan qata kolox min dik**
- Messaġġ mingħand Tano lil Ommissis, datat 22 ta' Mejju 2019 fl-10:28 - **Ok fimtek. U lil iehor kellimtu?**
- Messaġġ mingħand Ommissis lil Tano, datat 22 ta' Mejju 2019 fl-10:28 - **Xjn mitfi ijat**

- Messaġġ mingħand Tano lil Ommissis, datat 22 ta' Mejju 2019 fl-10:28 → **Ukollll**
- Messaġġ mingħand Ommissis lil Tano, datat 22 ta' Mejju 2019 fl-10:28 – **Ija**
- Messaġġ mingħand Ommissis lil Tano, datat 22 ta' Mejju 2019 fl-10:29 - **Manafx min feejn ha niselfu ta dawn u nehilsu minom ek dawk**
- Messaġġ mingħand Tano lil Ommissis, datat 22 ta' Mejju 2019 fl-10:30 - **Manafx lanqas jien. Problemi mil kbar gejjin zgur. U mhemmx fejn induru**
- Messaġġ mingħand Ommissis lil Tano, datat 22 ta' Mejju 2019 fl-10:31 - **Memx toroq u fejn induru**
- Messaġġ mingħand Tano lil Ommissis, datat 22 ta' Mejju 2019 fl-10:33 - **Sakarna u hxejna kollox. Emmini ma nafx**
- Messaġġ mingħand Ommissis lil Tano, datat 22 ta' Mejju 2019 fl-10:33 - **Gitna hazina ta kem u liba**
- Messaġġ mingħand Ommissis lil Tano, datat 22 ta' Mejju 2019 fis-13:38 - **Kif int qarilek xi naqa**
- Messaġġ mingħand Ommissis lil Tano, datat 22 ta' Mejju 2019 fis-13:38 - **Qadilek**
- Messaġġ mingħand Tano lil Ommissis, datat 22 ta' Mejju 2019 fis-13:39 - **Issa wasalt id-dar. Hazin ghageb qijad.**
- Messaġġ mingħand Ommissis lil Tano, datat 22 ta' Mejju 2019 fis-13:39 - **ostja madona kif ma morc tistrih naqa**
- Messaġġ mingħand Tano lil Ommissis, datat 22 ta' Mejju 2019 fis-13:40 - **Fuq is sodda qijad ghax wisq marid.**
- Messaġġ mingħand Ommissis lil Tano, datat 22 ta' Mejju 2019 fis-13:40 - **Ikolok bzon xi haga cempili sihbi naqdik xi haga**
- Messaġġ mingħand Tano lil Ommissis, datat 22 ta' Mejju 2019 fis-13:40 - **Grazzi habib**
- Messaġġ mingħand Ommissis lil Tano, datat 22 ta' Mejju 2019 fl-16:02 - **Kif int king**
- Messaġġ mingħand Tano lil Ommissis, datat 22 ta' Mejju 2019 fl-16:03 - **Ok mhux hazin issa sihbi. Sejjer ghal Zied il belt**
- Messaġġ mingħand Ommissis lil Tano, datat 22 ta' Mejju 2019 fl-16:03 - **Eja sa hdeja fejn id dar mela**
- Messaġġ mingħand Tano lil Ommissis, datat 22 ta' Mejju 2019 fl-16:04 - **Ok ha naddi ghalih ghax bic cherry picjer ser inkun ghax mandiex karozza**
- Messaġġ mingħand Ommissis lil Tano, datat 22 ta' Mejju 2019 fl-16:04 - **Xhin tkun kwazi wasalt cempili ha ninzel**
- Messaġġ mingħand Tano lil Ommissis, datat 22 ta' Mejju 2019 fl-16:05 - **Ok**

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant jibda biex jikkritika l-attendibilita ta'l-identifikazzjoni tiegħu li saret mill-vittma. Jikkontendi illi l-identifikazzjoni li saret permezz ta' sett ritratti murija lill-vittma mill-investigaturi waqt l-investigazzjoni ma hijiex skont il-liġi billi din

kellha tieħu ix-xejra ta' *identification parade* li trid ssir quddiem il-Maġistrat, kif hemm imfassal fl-artikolu 63(1) tal-Kapitolu 164 tal-Liġijiet ta' Malta. Jilmenta wkoll illi tali identifikazzjoni hija monka u dana għaliex ir-ritratti li ntwerew lill-vittma ma kienux ta' nies ta' l-istess eta' u apparenza ġenerali.

Issa minn eżami tal-atti jidher illi l-vittma Mangion identifika lill-appellant bħala wieħed mill-aggressuri tiegħu, u dan f'żewġ okkażjonijiet, l-ewwel fl-uffiċċju ta'l-ispettur Fabian Fleri, li kien qed imexxi l-investigazzjoni u dan wara li ntwerew lilu sett ritratti fuq l-iskrin tal-kompjuter, mbagħad fl-awla fil-kors tax-xhieda tiegħu fejn reġa' identifika lill-appellant, iktar u iktar meta huwa jinsisti li l-aggressuri tiegħu kienu l-istess nies li avviċinawh ftit tal-jiem qabel fejn identifikaw rwieħhom bħala ħaddiema mas-soċjeta *Go,* fejn imbagħad jerġgħu jagħtu l-istess identifikazzjoni meta imbagħad iħabbtulu l-bieb dak-in nhar tas-serqa.

Illi, il-vittma diversi drabi jagħti d-deskrizzjoni ta' wieħed mill-malviventi bħala l-"*oħxon*" u anke jiddeskrivi kif kien l-aġir ta' dina l-persun fil-konfront tiegħu. Ġie stabbilit ukoll li l-aggressur ta' statura "*ħoxna*" u bil-leħja, kien propju l-appellant. Illi allura l-Ewwel Qorti kellha quddiemha mhux biss dik l-identifikazzjoni li l-appellant qed jikkontendi li hija inammissibli, iżda ukoll l-identifikazzjoni magħmula mill-appellant fil-kors tax-xiehda tiegħu u fejn setgħet tqabbel id-deskrizzjoni li kien qed jagħti l-appellant tal-malvivent u l-istatura u id-dehra tal-appellant, li kif tistqarr l-Ewwel Qorti stess "*ilha tarah quddiemha ripetutament fuq medda ta' tliet snin u nofs*".

Issa l-liġi ma tispeċifikax illi l-uniku mod kif issir identifikazzjoni fil-kors ta' investigazzjoni għandha tkun unikament permezz ta' parata quddiem Maġistrat kif hemm maħsub fil-Kapitolu 164 tal-Liġijiet ta' Malta, b'dan għalhekk illi n-nuqqas li tkun sewgita din il-proċedura ma iġibx miegħu l-inammissibbilita' jew l-inattendibbilita' ta' kwalunkwe identifikazzjoni li tista' ssir. L-identifikazzjoni li saret mill-vittma allura għandha issewgi il-linji gwida imfassal mill-ġurisprudenza Ingliża fil-kaz *Turnbull*[2] liema regoli huma spiss segwiti mill-qrati tagħnafejn hemm hekk mgħallem:–

[2] Turnbull (1977) QB 224.

*'First, whenever the case against the accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications. In addition, he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided that this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words.*

*Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made. How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way, as for example, by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance?*

*... Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made. All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the close of the accused's case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger' (ara Blackstone's Criminal Practice, 1991, pagna 1991; Archbold, 1997, pagni 1255-1256)"".*

Illi mbagħad l-artikolu 648 tal-Kodici Kriminali jipprovdi illi:

**"Biex issir il-prova tal-identità ta' persuna li għandha tiġi magħrufa jew ta' oġġett li għandu jinġieb bħala prova, mhux meħtieġ, bħala regola, li x-xhud jagħraf dik il-persuna minn fost persuni oħra, jew dak l-oġġett minn qalb oħrajn bħalu, ħlief meta l-qorti, f'xi każ partikulari, ikun jidhrilha xieraq tagħmel dan għall-finijiet tal-ġustizzja."**

Kien hekk deċiż:

**"Minn din id-dispozizzjoni jidher car li l-legislatur ma riedx ixekkel lill-partijiet fil-kawza b'regoli rigidi ta' kif ghandha ssir l-identifikazzjoni ta' persuna jew oggett, izda halla fil-gudizzju prudenti tal-Qorti li tirregola ruhha skond il-kaz. Din id-dispozizzjoni, naturalment, tapplika ghal identifikazzjoni f'Qorti. Meta si tratta ta' identifikazzjoni li tkun saret barra mill-Qorti, bhal, per ezempju, fl-Ghassa tal-Pulizija, u li ghalhekk tkun ipprecediet l-identifikazzjoni fil-Qorti, il-ligi taghna ma tghid xejn. Dan ma jfissirx li ma hemmx regoli ta' prudenza dettati mill-bwon sens li ghandhom jigu osservati .... Dawn ir-regoli huma intizi fl-interess kemm tal-Prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiza bl-iskop li identifikazzjoni ta' persuna**

**bhala l-awtur ta' reat jew bhala l-persuna altrimenti involuta fih tkun attendibbli b'mod li l-Gudikant tal-fatt ikun jista' jserrah mohhu li ma hemmx zball f'dik l-identifikazzjoni.[3]"**

Illi, il-vittma kien muri sett ritratti ta' persuni impjegati mas-soċjeta *Installations Newtork Technologies Limited*, u dan għaliex kien allegat li din is-soċjeta kienet qed tagħmel ix-xogħolijiet bħala kuntrattur għas-soċjeta *Go* fl-akwati fejn seħħ ir-reat, kif allegat mill-vittma. Dawn kienu eżebiti mill-ispettur Fabian Fleri bħala dokument FF1. Jingħad illi għalkemm fuq ir-ritratti eżebiti ma hemmx indikat liema minnhom huwa ir-ritratt ta'l-appellant, madanakollu l-iSpettur Fleri fix-xiehda tiegħu jindika illi l-vittma kien indika ir-ritratt li kien juri wiċċ l-appellant fejn indikah bħala wieħed mill-aggressuri tiegħu, u għalkemm dan il-fatt huwa ukoll ikkonfrmat mill-uistess vittma fix-xiehda tiegħu, b'dan il-fatt ikun ikkonfermat mill-vittma fil-kors tax-xiehda tiegħu.

Illi l-Ewwel Qorti fid-deċizjoni tagħha, madanakollu jidher li għamel diversi konsiderazzjonijiet dwar l-identifikazzjoni li saret mill-vittma ta''l-appellant u dan lil hinn mill-identifikazzjoni li saret permezz ta' dawn ir-ritratti, fosthom illi l-vittma jagħti deskrizzjoni preċiża tal-aggressur tiegħu li tikkombaċja mad-dehra tal-appellat u wkoll il-fatt illi fil-jiem preċedenti il-kummissjoni tar-reat l-appellant kien ippreżenta ruħu fir-residenza tal-vittma taħt il-pretensjoni li hu u sieħbu kienu qed jaghmlu xi xogħol għal kumpanija *Go* fl-akwati, u allura iktar minn każ ta' identifikazzjoni, dan kien każ ta' *recognition*, billi l-vittma għaraf lill-appellant bħala din l-istess persuna meta ippreżenta ruħu mgħammad filwaqt li aggredieh u pprova jidderubah.

Illi mbagħad din l-identifikazzjoni ma tistax tittieħed in iżolament, iżda fil-kwadru kollu probatorju fejn quddiem l-Ewwel Qorti kien hemm għadd ġmielu ta' provi indizzjarji li jassumu rwol importanti ħafna u jagħtu stampa ċara tad-dinamika ta' l-istess inċident u tal-persuni nvoluti fl-istess. Ovvjament, bħal kull prova indiretta oħra, jridu jkunu tali li jwasslu għall-konklużjoni univoka u li biha l-ġudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubbju dedatt mir-raġuni mill-ħtija jew

[3] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) - Il-Pulizija vs. Stephen Zammit deciza fil-15 ta' Lulju 1998 (Vol. LXXXII.iv.235) ; ara ukoll Appell Kriminali – Il-Pulizija vs. Massimo Caruso, deciza fis-17 ta' Marzu 2008

responsabbiltà kriminali tal-imputat jew akkużat. Hekk kif ġie deċiz fil-kawza fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta v George Spiteri deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 –

> **'L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan irrekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi'**

Illi, ukoll, il-ġurista Ingliz C.B. Pollock jitfa' dawl fuq il-kunċett tal-provi ndizzjarji billi jgħid hekk kif isegwi –

> ***'It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus, it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of... (Criminal Evidence (3rd Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice).***

Illi, għalhekk, apparti mill-identifikazzjoni li għamel il-vittma, hemm diversi provi oħra li jippuntaw lejn ir-reita' fl-appellant. L-ewwelnett hemm il-prova li saret permezz tal-presenza tac-*cherry picker* viċin ir-residenza tal-vittma fis-17 ta' Mejju 2019, hekk kif stqarr l-istess vittma. Filwaqt li ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar il-fatt li l-appellant, dakinhar tas-17 ta' Mejju 2019 kien qed isuq l-imsemmi *cherry picker*, minn naħa l-oħra huwa jikkontendi li sempliċiment kien inzerta fl-inħawi tar-residenza tal-vittma meta kien mar għand l-istabbiliment "*Big Shot*". Filwaqt li Tyron Farrugia, impjegat flimkien mal-appellant mas-soċjeta *Installations Newtork Technologies Limited*, ikkonferma li xi darba f'Mejju, hu u Tano kienu marru għand dan l-imsemmi stabbiliment, ma kienx jaf meta seħħ dan l-episodju, u għalhekk l-unika prova ċerta li hemm hija li dakinhar tas-17 ta' Mejju, ic-*cherry picker* li kien qed juża l-appellant, proprjeta' tal-kumpanija fejn kien impjegat, kien qiegħed fil-viċinanzi tar-residenza tal-vittma, hekk kif jidher mill-filmati tas-CCTV estratti mill-espert Dr.

Martin Bajada. Dan jikkorrobora bi sħiħ il-verzjoni tal-fatti mogħtija mill-vittma u ċioe' li dakinhar tas-17 ta' Mejju, zewġ persuni li kienu qed jużaw *cherry picker*, ħabtulu l-bieb u qalulu li huma ħaddiema tal-*GO*.

Illi, mbagħad il-messaġġi skambjati bejn l-appellant u l-ko-akkuzat tiegħu *Omissis* jikkorroboraw ulterjorment l-involviment fil-kummissjoni tar-reati lilu addebitati. L-appellant jisħaq li fl-inkjesta maġisterjali ma ġie maħtur l-ebda espert sabiex jagħmel *extraction* mit-telefon ċellulari tal-appellant. Għalkemm dan huwa minnu, madanakollu fil-kors tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, kien maħtur l-espert Dr.Stephen Farrugia Sacco li silet dawn il-messaġġi mill-*mobile phones* eżebiti in atti, liema messaġġi din l-Qorti għamlet referenza għalihom iktar kmieni fis-sentenza. Minn dawn il-messaġġi huwa evidenti li l-appellant u *Omissis*, dakinhar tat-22 ta' Mejju 2019 fis-sigħat bikrin ta' filgħodu kienu nvoluti f' "biċċa xogħol" li ma kinitx ta' suċċess. Dawn il-messaġġi, fl-isfond tal-verżjoni tal-fatti tal-vittma u ċ-ċirkostanzi l-oħra tal-każ, jippuntaw b'mod univoku lejn l-involviment tal-appellant fl-attentat ta' serq *de quo*.

**Ikkunsidrat:**

Illi, l-appellant jilmenta illi mill-provi akkwiżiti ma jirriżultax min mill-malviventi ikkaġuna il-ġrieħi fuq il-persuna tal-vittma. Jibda billi jisħaq li l-Avukat Ġenerali, fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju, jindika l-artikolu 222A tal-Kodiċi Kriminali b'mod ġeneriku mingħajr ma jispeċifika liema mis-sub-inċiżi tiegħu japplika għal każ odjern. Huwa jisħaq li huwa ma setax jiġi akkuzat taħt artikolu ġeneriku, u li dana l-fatt iwassal għan-nullita' tas-sentenza appellata.

Illi, l-Qorti tqis li dan l-aggravju jirrażenta il-fieragħ u jindika illi d-difensur tal-appellant ma qarax sew is-sentenza appellata qabel irrediġa r-rikors ta'l-appell. Dan għaliex minn qari tad-*decide* kellu jkun evidenti illi d-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 222A tal-Kodiċi Kriminali ma ġewx applikati fil-konfront tal-appellant mill-Ewwel Qorti li iddikjarat, fil-konsiderazzjonijiet minnha magħmula, illi ġaldarba s-sub-inċiż (1) tiegħu ġie abrogat permezz tal-Att LXV tal-2021, liema disposizzjoni tal-liġi kienet dik li tapplika għall-fattispeċje ta' dan il-każ billi l-vittma kien persuna li għalaq is-sittin sena, kwindi qieset li kellha tapplika dik il-piena favorevoli għall-appellant u

allura ma żiditx l-aggravanti hemmhekk kontemplata, għalkemm fiż-żmien tal-kummissjoni tar-reat din kienet għadha viġenti. Kwindi dan l-ilment ċertament ma jistħoqqlux akkoljiment.

Illi, l-appellant fl-istess aggravju jgħaddi biex jikkritika is-sentenza appellata fejn din sabitu ħati li kkaġuna feriti fuq il-persuna tal-vittma u jikkontendi li ma kienx hu li weġġa' lil Alfred Mangion. Illi l-verżjoni tal-fatti tal-vittma tindika l-kontra u dan meta kien konsistenti l-identita' tal-aggressur li weġġgħu fl-inċident meta igħid:–

> **... Wieħed minhom naħseb l-oħxon tani fuq wiċċi.**
>
> **... L-oħxon beda jagħfasli għonqi u bdejt inħossni qed nifga.**
>
> **... L-oħxon qalli biex ma ngħajjatx għax inkella kien se jtini daqqa ta' sikkina.**
>
> **... Staqsewni għall-flus waqt li l-oħxon baqa' fuqi meta jien kont mal-art u zammni kontra l-volonta' tiegħi.**

Illi, huwa inkontestat li l-vittma sofra ġrieħi fuq persuntu u dan kif iċċertifikat minn Dr Elton Caruana MD li xehed li rriskontra:

> **"grif vertikali quddiem il-widnejn, iz-zewġ naħat bejn wieħed u ieħor xi tnejn sa erba' ċentimetri (2cms-4cms) fit-tul; kellu ħmura fil-polz tax-xellug, kienu irranġati b'mod orizzontali jixbħu qishom grip mark; kellu anke ħmura u grif superfiċjali fl-għaksa tal-lemin u kellu uġiegħ fil-kustilji tal-lemin, bejn wieħed u ieħor il-kustilja s-seba' u t-tmien, tinsab mid-clevical mid axidiary line, pero' kellu dħul indaqs u ma kienx hemm problema bl-ossiġenu, respio kien ninety-nine percent. Dak kollox. In-natura tal-ġrieħi skonti kienu ta' slight save complications"**.

*In oltre,* Dr Mario Scerri kkonstata li –

> **Illi d-dbenġila deskritta fuq iz-zygoma tax-xellug kienet friska u kompattibli ma' blunt trauma;**
>
> **Illi d-dbenġil deskritt fuq l-id il-leminija kien frisk u kompattibbli ma' grip mark;**
>
> **Illi l-abrazjoni deskritta fuq in-naħa tal-lemin tas-sider assoċjata ma' dbenġila ta' kulur vjola kienet kompattibli ma' blunt trauma;**
>
> **Illi d-dbenġil lenjari deskritt fuq it-tarf t'isfel tal-qasab tas-saqajn kienu jgħatu indikazzjonijiet li setgħu saru b'tie clips. Dawn il-lezjonijiet huma kollha ta' natura ħafifa.**

Illi, għalhekk għal darb'oħra, l-appellant m'għandux raġun fl-ilment minnu mressaq, kif lanqas għandu raġun meta igħid illi ma kienx hemm provi li jindikaw illi kien hu li issekwestra lill-vittma u żammu milli jiċċaqlaq. Ġie ppruvat ampjament li kien hu l-aggressur li għamel l-ikbar forza fuq il-vittma, liema forza rriżultat fil-ġrieħi surreferiti fuq il-persuna tiegħu. Illi finalment anke jekk għal grazzja tal-argument il-Qorti kellha tqis illi ma kienx l-appellant, il-malvivent li fiżikament ikkaġuna l-ġrieħi fuq il-vittma, madanakollu bil-presenza tieghu fuq ix-xena tar-reat, li tirriżulta ippruvata, u allura bil-kompartecipazzjoni tieghu fil-*hold up* fuq l-anzjan Mangion temerġi l-figura tal-ko-awtur fil-kummissjoni tar-reat biex b'hekk il-ħtija tissussiti xortawaħda, bl-appellant allura jkun soġġett għall-istess piena daqs il-ko-awturi tiegħu. Illi, għaldaqstant, in vista ta' dak kollu premess, isegwi li l-aggravji kollha mressqa mill-appellant ma jistħoqilhomx akkoljiment u qed jiġu respinti fl-intier tagħhom.

**Ikkunsidrat:**

Illi, finalment il-Qorti tinnota li fit-talba aħħarija kontenuta fir-rikors ta'l-appell, l-appellant jitlob ukoll varjazzjoni tal-piena erogata fil-konfront tiegħu mill-Ewwel Qorti, għalkemm ma hemm ebda aggravju *ad hoc* in konnessjoni mal-istess. Illi fl-assenza ta' raġunijiet li wasslu lill-appellant iħossu aggravat bil-piena komminata, l-Qorti hija sajma minn xi motiv li jista' jwassalha titbiegħed mid-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti meta ġiet għal kalibrazzjoni tal-piena, iktar u iktar meta l-piena ta' tlett snin priġunerija hija waħda fil-parametri tal-Liġi.

Illi ukoll l-Ewwel Qorti immotivat id-deċiżjoni tagħha meta wasslet għal kundanna u stqarret illi għalkemm l-appellant kien taħt Ordni ta' Superviżjoni qajla ikkopera mal-*Probation Officer* Marilyn Formosa u dan kif jirriżulta mix-xiehda tal-imsemmija Uffiċjal mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti. Mhux biss iżda minn testijiet tal-urina li ittieħdulu huwa kien għadu qed jiriżulta pożittiv għall-konsum tad-droga. Mhux biss iżda mill-aħħar rapport li l-imsemmija Uffiċjal ippreżentat proprju ftit tal-jiem ilu[4]

[4] Rapport ippreżentat fit-28 ta' Ottubru 2024

jidher illi ma kien hemm ebda bidla, bl-appellant jonqos milli jattendi għall-appuntamenti lilu mogħtija u bit-testijiet jindikaw li huwa għadu qed jabbuża mid-droga kokajina. Dan juri biċ-ċar li l-appellant ma għandu l-ebda motivazzjoni sabiex jinbidel u jaqbad it-triq it-tajba. Magħdud dan kollu, għalhekk din l-Qorti ma ssib l-ebda raġuni 'il għala l-piena mposta fuq l-appellant għandha tiġi mibdula b'xi mod.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-appellant Tano Farrugia u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**